# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A** **(10 x 2 = 20 marka)**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:

1. Lil min għandna bżonn biex igħinna u jurina t-triq waqt l-iżvilupp tagħna?

_______________________________________________

2. X'hemm fir-raħal tiegħek li jfakkrek li qed tgħix f'pajjiż nisrani?

_______________________________________________

3. Min kien jieħu ħsieb il-kwistjonijiet reliġjużi tal-Lhud?

_______________________________________________

4. F'liema festa l-Lhud kienu jfakkru l-ġrajja ta' meta Alla ta l-Kmandamenti lil Mosè?

_______________________________________________

5. Min kien l-ewwel sultan tal-Lhud?

_______________________________________________



6. X'kien ix-xogħol tal-profeti?

_______________________________________________

7. Kemm hemm kotba fit-Testment il-Ġdid?

_______________________________________________

8. Għaliex Massimiljanu Kolbe sar qaddis?

_______________________________________________

9. Xi jfisser l-isem 'Ġesù'?

_______________________________________________

10. X'wiegħed Alla lis-sultan David?

_______________________________________________

**Taqsima B** **(5 x 2 = 10 marki)**

Semmi **żewġ**:

1. mirakli li għamel Ġesù.

i) ______________________________

ii) ______________________________

2. parabboli li qal Ġesù.

i) ______________________________

ii) ______________________________

3. Evanġelisti.

i) ______________________________

ii) ______________________________

4. muntanji fil-Palestina.

i) ______________________________

ii) ______________________________

5. postijiet fil-Palestina li naqraw fuqhom fl-Evanġelju.

i) ______________________________

ii) ______________________________

**Taqsima Ċ** Fisser dawn is-siltiet mill-Bibbja **(4 x 3 = 12-il marka)**

1. "Ħadd ma għandu mħabba ikbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu".*(Ġw 15, 13)*

______________________________

______________________________

2. "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi". *(Lq 23, 43)*

______________________________

______________________________

3. “Int qiegħed tgħidu;  jien sultan.  Jien għalhekk twelidt, u għalhekk ġejt fid-dinja biex nixhed għall-verità!  U kull min iħobb il-verità jisma’ leħni”.  *(Ġw 18, 37)*

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

4. “Missier, jekk jista’ jkun, biegħed minni dan il-kalci!  Imma mhux kif irrid jien iżda kif trid int”.  *(Mt 26, 39)*

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

**Taqsima D** **(10 x 2 = 20 marka)**

<u>Fisser dawn il-kelmiet</u>

1. Parabbola

__________________________________________________________________________________

2. Miraklu

__________________________________________________________________________________

3. Sinagoga

__________________________________________________________________________________

4. Tempju

__________________________________________________________________________________

5. Sinedriju

__________________________________________________________________________________

6. Pentatewku

__________________________________________________________________________________

7. Evanġelisti

__________________________________________________________________________________

8. Appostli

__________________________________________________________________________________

9. Dixxipli

10. Bibbja

**Taqsima E** Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha **(10 x 2 = 20 marka)**

**Ġesù jitma' ħamest elef ruħ**

Ġesù telaq bid-dgħajsa u mar waħdu f'post imwarrab. Imma n-nies semgħu fejn mar, u telqu warajh bil-mixi mill-ibliet. X'ħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom, u fejqilhom il-morda tagħhom.

X'ħin sar filgħaxija d-dixxipli tiegħu resqu lejh u qalulu: "Dan il-post imwarrab, u l-ħin għamel sewwa. Ibgħathom lin-nies, ħa jmorru fl-irħula jixtru x'jieklu."



Imma Ġesù qalilhom: "M'għandhomx għalfejn imorru; agħtuhom intom x'jieklu."

U huma qalulu: "Hawn ma għandniex ħlief ħames ħobżiet u żewġ ħutiet."

"Ġibuhomli hawn," qalilhom.

Imbagħad ordna lin-nies biex joqogħdu bilqiegħda fuq il-ħaxix; ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, refa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u tahom lid-dixxipli, u d-dixxipli newwluhom lin-nies.

U kulħadd kiel u xaba' u ġabru l-bċejjeċ li kien fadal u mlew bihom tnax-il qoffa. U kienu madwar ħamest elef raġel dawk li kielu, barra n-nisa u t-tfal.

*(Mattew 14, 13-21)*

1. Fejn mar Ġesù meta tela' fuq id-dgħajsa?

2. X'għamlu n-nies meta semgħu fejn mar?

3. X'għamel Ġesù meta niżel l-art mid-dgħajsa?

4. X'qalulu d-dixxipli lil Ġesù meta sar filgħaxija?

5. X'ried Ġesù li jagħmlu d-dixxipli?

6. Kemm sabu ikel għand in-nies preżenti?

_______________________________________________

7. X'għamel Ġesù b'dan l-ikel?

_______________________________________________

8. Kemm kien fadal ħobż wara li kulħadd kiel u xaba'?

_______________________________________________

9. Kemm kien hemm nies preżenti?

_______________________________________________

10. X'nitgħallmu dwar Ġesù minn dan il-miraklu ?

_______________________________________________

**Taqsima F** **(3 x 6 = 18-il marka)**

Fi żmien Ġesù fil-Palestina kien hemm il-Fariżej, is-Sadduċej u l-Pubblikani.

Ikteb **tliet** sentenzi fuq kull grupp ta' nies:

1. Il-Fariżej

i) _______________________________________________

ii) _______________________________________________

iii) _______________________________________________

2. Is-Sadduċej

i) _______________________________________________

ii) _______________________________________________

iii) _______________________________________________

3. Il-Pubblikani

i) _______________________________________________

ii) _______________________________________________

iii) _______________________________________________